**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**PERIT JESMOND MUGLIETTE**
**Mr. ALEXANDER GALEA**

**Illum 24 ta' Settembru 2015**

**Rikors Numru. 38/13**

**Joseph Ellul**

**Vs**

**Awtorita' ta' Malta Dwar ir-Rizorsi**

**It-Tribunal,**

Ra l-appell tar-rikorrenti li gie pprezentat quddiem il-Bord ta' l-Appelli Dwar ir-Rizorsi fejn gie premess is-segwenti:-

*" Re: Ref taghkom MRA/WAT/5510*

*Notifika ta` sors tal-ilma ta` taht l-art F/H Tal-Muddejn, Triq il-Mudejn, Qrendi*

*Sinjur,*

*Nikteb f`isem u fl-interess ta` Joseph Ellul ta` 29, Triq Antonia Chircop Qrendi detentur tal-karta ta` l-identita bin-numru 56545M u dan b`referenza ghal ittra da parti ta` l-Awtorita ta` Malta dwar ir-Rizorsi li ggib id-data tat-28 ta` Settembru 2011 li permezz taghha huwa gie nformat illi l-Awtorita, wara li konsidrat l-applikazzjoni tieghu tal-5 ta` Ottubru 2010, ma accettatx l-istess talba kif dedotta fl-imsemmija applikazzjoni u cioe ghaz-zamma ta` bore hole.*

*Illi l-mittenti hass ruhu aggravat b`din id-decizjoni u minnha jrid li jinterponi appell*

*Illi l-fatt huma:*
*Illi huwa ghandhu taht il-kontroll tieghu, u jahdem, circa hamsa u tlettin (35) tomna raba. Xi haga li ilu jghamel ghomru u zmienu.*

*Illi min din il-borehole, permezz ta` mezzi, jirriga r-rimanenti raba.*

*Illi, ghad li huwa ma hux registrat bhala bidwi full time, huwa jahdem, flimkien ma membri ohra tal-familja tieghu, dan ir-raba u sahansitra jtella l-prodott ghal biegha gewwa l-pitkalija u jesporta l-prodott tal-patata.*

*Illi ghal dawn r-ragunijiet huwa ma jaqbilx mad-decizjoni raggunta mil-Awtorita u qed jinterponi umili appell.*

*Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f`illi*

1. *Illi l-Kumitat imwaqqaf mill-Ministru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali qies li c-cirkostanzi specjali li jkunu gustifikati u xierqa ma jezistux bhala fil-kaz tal-applikazzjoni.*

*Illi huwa ben stabilit illi l-kriterji sabiex t-talba tal-mittenti kif dedotta fl-applikazzjoni minnu ntavolata datata 5 ta` Ottubru 2010 tigi milqugha, trid tinghata raguni specjali li tiggustifika in-nuqqas ta` notifikazzjoni.*

*Ghal kull bon fini u kjarezza jigi elenkat is-segwenti:*
*Il-mittenti jiehu hsieb, a bazi part time, circa hamsa u tlettin (35) tomna raba.*

*Illi kif diga gie sottomess permezz ta` l-affidavit tieghu, huwa ghamel perjodu ma jghamilx uzu mil-borehole konsegwenza ta hsara li zviluppat fl-apparat ghal istess.*
*Issa, ghalhekk, ghandhu jigi stabilit jekk dan il-fatt huwiex tali li jiggustifika n-nuqqas tieghu li jaggixixi entro t-terminu.*

*Illi ghalhekk, in kontemplazzjoni ta dan l-appell, jigi sottomess lil dan il-bord, illi l-Awtorita, qabel tasal ghal kull konkluzjoni, kellha, qabel xejn, tistabilixxi jekk l-mittenti baqax jahdem ir-raba jew le u cioe, dahhalx prodotti l-pitkalija u jew esportax il-prodott tal-patata jew le.*

*Dan il-fattur huwa mportanti li jigi stabilit- il-fatt li jkun jirrizulta li ddahhal prodott jfisser li r-raba ma giex abbandunat.*

*U huwa propju dan li affetwa mohh l-applikant u ghal mument nesa r-rekwizit li japplika qabel l-20 ta` Novembru 2008. Filfatt huwa applika fil-5 ta` Ottubru 2010- u cioe hdax il-xhar wara.*

*Dan huwa l-perjodu li fih l-apparat li jintuza u li permezz tieghu l-mittenti kien itella l-ilma bih, sofra hsarat. Kien il-perjodu fejn il-mittenti, sabiex jara jekk l-uzu ta` bousers ghat- tisqija huwiex aktar ekonomiku mil-uzu ta estrazzjoni permezz tal-pompa. Dan aktar u aktar meta wiehed ihares lejn l-ispiza li l-mittenti, bidwi part time, kien ser jinkori sabiex itella, jsewwi (jew addirittura jbiddel) u jerga jnizzel l-pompa ghal uzu regolari.*

*Zmien li kien utli sabiex jghamel l-osservazzjonijiet tieghu izda li pero kien ser jinkombi penali ghalih u ghal ghejxien tal-familja tieghu gara darba jitraskorri t-terminu ta` l-20 ta` Novembru 2008.*

2. *Illi l-legislatur ma riedx illi l-ligi nterpretata ad verbatim*

*Illi Bord mahtur mil-MRA, fil-konsiderazzjoni tat-talba tal-mittenti kien iebes wisq.*
*Huwa car, mid-dicintura tal-ligi, li l-Legislatur ma riedx jghalaq il-bieb kompletament. Halla l-fakulta ta` applikazzjoni anke wara d-data ta` l-20 ta` Novembru 2010.*
*Dan il-Legislatur ma ghamlux b`kapric.*

*Primarjament ma riedx illi jitlef il-bdiewa li b`tant sagrificcju jzommu l-ambjent tant sabieh bil-hidma taghhom.*

*Sekondarjament, il-Legislatur, meta kkonceda din il-fakulta, kien qed jara li ser ikun hemm kazijiet genwini, bhal ma huwa l-kaz presenti, fejn il-bidwi, mhux bi traskuragni jew negligenza, ma ottemprax ruhu mad-data stabilita.*

*Kazijiet komuni hafna ma nies bhal ma huma l-bdiewa li jqattghu tant hin fir-raba u fejn il-hin qisu ma jghaddix.*

*Illi huwa ghalhekk li l-mittenti jissottometti lill dan il-Bord in-necessita li jigi stabilit jekk ir-raba tkomplix jinhadem. Una volta jigi stabilit li r-raba kompla jinhadem, allura jsegwi li ma jifdal l-ebda raguni ghalfejn ir-raguni moghtija mil-mittenti ma tigix accettata u l-applikazzjoni milqugha.*

*Huwa fatt maghruf li f`Malta, bidwi li jipproduci, ma ghandhu cans qatt iwassal il-prodott jekk mhux bl-ghajnuna ta l-ilma. Il-mittenti huwa bidwi u jahdem ir-raba u ilu jahdem ir-raba ghomru u zmienu. Li tinghalaq ghalih l-ghajn ta` l-ilma li hija s-sors ta` l-ghejxien ghalih u ghal familtu, zgur li qatt ma kienet l-intenzjoni tal-Legislatur.*

*Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet premessi, l-mittenti, filwaqt li jgib il-fuq espost a formali konjizzjoni ta` dan l-Onorabbli Bord ta` l-Appell, jitolbu sabiex, ihassar u jikkancella d-decizjoni ta` l-Awtorita tat-28 ta` Settembru 2011 u jaccetta t-talba kif kontenuta permezz ta`l-applikazzjoni tal-5 ta` Ottubru 2010 u konsegwentment jordna r-*

*registrazzjoni rigwardanti s-sors ta ilma ta` taht l-art kif deskritt permezz ta` l-istess applikazzjoni."*

Ra r-risposta tal-Awtorita` intimata li eccepiet is-segwenti:

*"Illi preliminarjament dan l-appell huwa irtitu u null u dana peress li l-ebda wahda mill-aggravji tal-appellanti ma tinkwadra kif jipprovdi espressament l-Artikolu 34 (2) tal-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta` Malta li jipprovdi l-aggravji limitati li wiehed jista jipproponi quddiem dan l-Onorabbli Bord.*

*Illi l-artikolu 34 tal-Kap 423 jipprovdi li appell lil din l-Onorabbli Bord jista jirrigwarda allegat*

a) *Zball materjali dwar il-fatti;*
b) *Jekk ikun hemm zball materjali fil-procedura;*
c) *Jekk ikun sar zball fil-ligi;*
d) *Jekk ikun hemm xi illegalita` materjali, inkluza irragonevolezza jew nuqqas ta` proporzjonalita` fis-sentenza*

*Illi fil-kaz odjern ma tirrizulta ebda wahda mis-segwenti u in oltre l-appellanti lanqas ma jsejjes l-aggravji tieghu fuq dak li titlob il-ligi.*

**A. *Dwar l-ewwel aggravju - u cioe li kienu jirravizaw ruhhom ic-cirkostanzi specjali kontemplati fl-artikolu 3 ta` l-Avviz Legali 204 ta` l-2009 sabiex tigi konsiderata bhala valida n-notifika ta` sors ta` taht l-ilma maghmula mill-appellanti***

*Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellanti jikkontendi li kienu jirravizaw ruhhom ic-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 3 ta` l-Avviz Legali 204 ta` l-2009 sabiex tigi konsiderata bhala valida n-notifika ta` sors ta` taht l-art maghmula mill-esponenti.*

*Jigi rilevat li l-applikazzjoni kienet ikunsidrata mill-Kumitat, hekk kif jipprovdi l-Artikolu 25 tal-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta` Malta, u dan sabiex dak il-kumitat jikkonsidra jekk jezistux cirkostanzi specjali li jkunu gustifikati u xierqa sabiex tigi gustifikata skond l-istess Avviz Legali u dana ma rrizultax.*

*Il-linja ta` difiza li jaghzel l-appellanti sabiex jiggustifika l-applikazzjoni tardiva tieghu, hi li kien hemm hsara fl-apparat li huwa kien juza sabiex itella l-ilma mill-imsemmija bore hole.*

*In oltre l-appellant isostni li l-Awtorita kellha 'qabel tasal ghall kull konkluzjoni, qabel xejn, tistabilixxi jekk il-mitenti baqax jahdem ir-raba jew le u cioe dahhallx prodotti l-pitkalja u jew esportax il-prodott tal-patata jew le.'*

*Illi skond l-Avviz Legali 204/2009, senjatament l-Artikolu numru tnejn (2), l-Awtorita` kellha mill-15 ta` Lulju, 2009 sa dik id-data li tigi stabbilita` mill-Ministru permezz ta` avviz fil-Gazzetta, taccetta*

*applikazzjonijiet ghan-notifika ta` sorsi ta` ilma ta` taht l-art li ma kinux gew ipprezenti lillha sa l-20 ta` Novembru, 2008, meta l-fatt li ma tkunx saret dik in-notifika jkun gustifikat b`ragunijiet minhabba cirkustanzi specjali li jkunu xierqa: u huma biss dawk ic-cirkustanzi specjali li jkunu gustifikati u xierqa, li jitqiesu kif imiss minn kumitat imwaqqaf mill-Ministru skond l-artikolu 25 ta` l-Att, ghandhom jitqiesu validi mill-Awtorita`.*

*Illi l-istess Avviz Legali 204/2009 jkompli u jipprovdi li "flimkien man-notifika, utent ta`sors ta` l-ilma ta` taht l-art ghandu wkoll jipprezenta affidavit li jigi mahluf u konfermat taht gurament quddiem kummissjunarju b`setgha li jaghti gurament, fejn jigu specifikat fl-affidavit ir-ragunijiet u c-cirkustanzi specjali xierqa li jkunu jiggustifikaw id-dewmien tan-notifika, flimkien ma` kull prova u dokumentazzjoni ohra li jistghu jkunu mehtiega sabiex jigi ppruvat il-kontenut ta` l-affidavit."*

*Illi l-appellanti ma pprezenta l-ebda prova jew dokumentazzjoni ohra kif jitlob l-istess avviz legali li jistghu jkunu mehtiega sabiex jigi ppruvat il-kontenut ta` l-affidavit li pprezentaw mal-applikazzjoni tieghu, sabiex isahhah l-istess.*

*Huwa wara li l-kumitat ikkunsidra l-applikazzjoni tal-appellanti kif prezenta minnu li wasal ghall konkluzjoni li ma kien hemm l-ebda cirkostanza specjali fir-rigward tal-kaz ta` l-appellanti.*

*Huwa ghalhekk, minhabba li dan l-aggravju ma jissusisti taht l-ebda wiehed mis-subartikolu tal-artikolu 34 tal-kapitolu 423 u peress li ma tezisti ebda cirkustanza specjali li timmerita li tigi kkunsidrata mill-kumitat li dan ghandu jigi michud.*

***B. Dwar it-tieni aggravju u cioe illi l-legislatur ma riedx li l-ligi tigi interpretata ad verbatim***

*Dan l-aggravju huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u dana sante li prelimarjament ma jinkwadrax ruhu bhala aggravju permessibli quddiem dan l-Onorabbli Bord stante li ma jirrizultax li huwa ibbazat fuq l-ebda wiehed mis-sub incizi tal-Artikolu 34 tal-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Inoltre, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat li r-regola hija pjuttost bil-kontra ta` dak li qieghed jikkontendi l-appellanti peress li fil-ligi u r-regolamenti ma hemmx lok li wiehed joqghod jinterpreta jew jassumi l-ispirtu tal-ligi.*

*In oltre, l-appellanti jikkontendi li huwa fehem x`kienet l-intenzjoni tal-legislatur, meta fil-fatt dan mhuwiex il-kaz u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

*i. Bil-kontra ta` dak li jghid l-appellanti, l-Kapitolu tal-Ligijiet tal-Malta kien intiz sabiex jitwaqqaf Awtorita` li tkun*

*maghrufa bhala l-Awtorita` ta` Malta dwar ir-Rizorsi, li jkollha l-funzjonijiet regolatorji li jirrigwardaw ir-rizorsi relattivi ghall-ilma, l-energija u l-minerali, u sabiex tipprovdi dwar affarijiet ancillari ghal dan jew konnessi ma` dan.*

ii. *Illi r-regolamenti inkluz l-avviz legali 204 tas-sena 2009 u 255 tas-sena 2008 kienu intizi sabiex jirregolaw il-funzjoni tal-Awtorita fejn jidhlu dawn ir-rizorsi, senjatament l-ilma.*

iii. *Illi imkien fir-regolamenti ma jissemma l-interess tal-bdiewa, izda jissemma biss l-interess suprem li kull xaft, mina, ftuh, toqba, migra jew bir imhaffer fl-art jew imkabbar b`mezz artificjali, li jwassal sa l-ilma ta` taht l-art jew li hu vertikalment iktar fond minn nofs id-distanza bejn il-wicc tal-bir u l-eqred ilma ta` taht l-art f`dak il-post li ma jkunx gie registrat skond ir-Regolamenti ta` l-1997 dwar ir-Registrazzjoni ta` Sorsi ta` l-ilma ta` taht l-art, ghandu jigi notifikat lill-Awtorita.*

iv. *In oltre, l-Awtorita Appellata tirreferi ukoll ghad-dibattitu parlamentari lura ghas-sena 2002 (seduta numru 792) fejn gie diskuss ir-rwol tal-Awtorita fir-rigward tal-boreholes u gie ritenut hekk: 'Fuq l-ahhar punti tad-domonda dwar x`passi tiehu l-korporazzjoni meta ssib boreholes illegali,nista` nghid li l-korporazzjoni hadet passi kull meta sabet li hemm boreholes li saru bla permess. Illum hija l-awtorita` ghar-rizorsi li giet inkarigata minn dan il-qasam, u din saret propju biex ikun hemm separazzjoni bejn min qed jipprovdi s-servizz-u allura involut ukoll biex itella` l-ilma ghall-produzzjoni- u min jirregola dan ir-rizors. <u>Bil-mod il-mod, l-awtorita` qed tarma ruhha biex tkun tista` ssegwi dan is-settur b`iktar regga, pero nahseb li dan li ghamilna s`issa kien pass ghaqli ghax din is-separazzjoni twassal biex wiehed ikun jista` jirregola l-affarijiet ferm ahjar milli qatt ghamilna fil-passat.</u> Huwa fid-dawl ta` dawn id-dibattiti li johrog car l-intenzjoni tal-legislatur x`kienet u cioe dik li tirregola dan is-settur bl-ahjar mod possibli.*

*Illi ghalhekk, mill-ligi stess johrog car li l-intenzjoni tal-legislatur kienet li jirregola kull sors tal-ilma ta` taht l-art, u dan fit-termini li ppreskriva huwa stess, u bid-diskrezzjoni li huwa stess ta` lill-Awtorita`.*

*Ghaldaqstant dan l-Onorabbli Bord ta` l-Appelli ghandu jichad dan l-aggravju stante li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt.*

***C. Konkluzjoni***

*Illi in vista tas-suespost l-esponenti li dan l-Onorabbli Bord tal-Appelli ghandu jichad l-aggravji tal-appellanti u jikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Awtorita appellata fit-tmienja u ghaxrin (28) ta` Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011), bl-ispejjez kontra l-appellant."*

Ra illi dawn il-proceduri gew assenjati quddiem dan it-Tribunal minn quddiem il-Bord tal-Appelli Dwar ir-Rizorsi sussegwentement ghad-dhul *in vigore* tal-Avviz Legali 184 tal-2012.[1]

Ra l-atti kollha, inkluz dawk sottomessi quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rizorsi;

Sema' x-xhieda ta' Miriam Micallef Sultana;[2]

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-Awtorita` intimata;

Ra li l-appell thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tal-Avviz Legali 204 tal-2009, mill-15 ta' Lulju 2009 l-Awtorita' Dwar ir-Rizorsi kienet bdiet *"taccetta applikazzjonijiet għan-notifika ta' sorsi ta' ilma ta' taħt l-art li ma kinux ġew ippreżentati lilha sa l-20 ta' Novembru, 2008, meta l-fatt li ma tkunx saret dik in-notifika jkun ġustifikat b'raġunijiet minħabba ċirkustanzi speċjali li jkunu xierqa:*

*Iżda wkoll huma biss dawk iċ-ċirkustanzi speċjali li jkunu ġustifikati u xierqa, li jitqiesu kif imiss minn kumitat imwaqqaf mill-Ministru skond l-artikolu 25 ta' l-Att, għandhom jitqiesu validi mill-Awtorità."*

Illi fil-5 ta' Ottubru 2010, ir-rikorrent ghamel applikazzjoni ghan-notifika ta' sors ta' l-ilma ta' taht l-art (*borehole*). Illi peress li din l-applikazzjoni kienet wahda tardiva, u cioe` ma saritx sal-20 ta' Novembru 2008, ir-rikorrent kellu wkoll jipprezenta affidavit sabiex jaghti raguni ghaliex ma kienx irregistra l-istess *borehole* sat-terminu indikat.

Illi permezz ta' decizjoni datata 28 ta' Settembru 2011, l-Awtorita` intimata gharrfet lir-rikorrent li wara li l-Kumitat imwaqqaf mill-Ministru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali qies

---

[1]Regolamenti tal-2012 dwar l-Estensjoni tal-Gurisdizzjoni tat-Tribunal tar-Revizjoni Amministrattiva (Rizorsi)

[2] A fol. 47A sa 47H, minn fol. 66 sa 68 u minn fol. 80 sa 82 tal-process

li ma kinux jezistu cirkostanzi specjali, li huma gustifkati u xierqa, sabiex tigi accettata l-applikazzjoni tieghu tardivament, hija ma accettatx l-applikazzjoni tieghu u ordnatlu sabiex jaghlaq l-istess sors tal-ilma ta' taht l-art.

Illi r-rikorrent hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni li kopja taghha tinsab esebita a fol. 26 tal-process u intavola l-appell odjern.

Illii t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ewwel ma ghandu jitratta hija proprju l-eccezzjoni tan-nullita` tal-appell imqajjma mill-Awtorita` intimata. Skond l-istess Awtorita`, dan l-appell huwa irritu u null peress li l-istess ma jinkwadra fl-ebda wahda mill-aggravji elenkati f'artikolu 34 tal-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar Awtorita` ta' Malta Dwar ir-Rizorsi).

L-imsemmi artikolu 34 jghid is-segwenti:-

*"Jista' jsir appell quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva għal kull waħda mir-raġunijiet li ġejjin:*

*a) Zball materjali dwar il-fatti;*
*b) Jekk ikun hemm zball materjali fil-procedura;*
*c) Jekk ikun sar zball fil-ligi;*
*d) Jekk ikun hemm xi illegalita` materjali, inkluza irragonevolezza jew nuqqas ta` proporzjonalita` fis-sentenza."*

Illi minn qari tal-appell tar-rikorrent jemergi bil-wisq car illi r-rikorrent qieghed jibbaza l-istess appell fuq il-fatt li l-Awtorita` intimata ma ddecidietx b'mod ragjonevoli meta cahdet l-applikazzjoni tieghu u kif ukoll li kien hemm nuqqas ta' proporzjonalita` meta wiehed iqis il-fini li ghalih kien se jintuza s-sors ta' ilma ta' taht l-art, liema aggravji jaqghu perfettament f'subinciz (d) tac-citat artikolu.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata ghandha tigi michuda.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal se jinvesti issa l-mertu proprju tal-appell.

Illi f'dawn il-proceduri xehdet biss **Miriam Micallef Sultana,** Kap tat-Taqsima tal-Licenzji fi hdan l-Awtorita` intimata. Hija spjegat illi l-applikazzjoni tar-rikorrent giet

rifjutata ghaliex kien deciz li l-gustifikazzjoni li ta r-rikorrenti ma kinitx wahda accettabbli. Hija spjegat li l-gustifikazzjoni li kien ta r-rikorrent mal-applikazzjoni tieghu ghala kien tardiv fl-applikazzjoni tieghu kienet illi l-*borehole* ma kinitx tiffunzjona u li ma kinux qed juzawha. Ix-xhud spjegat illi kull min kellu *borehole,* tahdem jew le, xorta kellu jirregistraha.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-punt ta' kontroversja f'dan il-kaz huwa jekk il-gustifikazzjoni mressqa mir-rikorrenti, u cioe` illi s-sors ta' ilma ta' taht l-art kien bil-hsara u ma kienx qed jintuza u ghalhekk ma saritx applikazzjoni biex jigi notifikat lill-Awtorita` intimata, kinitx tammonta ghal cirkostanza specjali, gustifikata u xierqa, sabiex l-applikazzjoni tardiva ghan-notifika tigi accettata.

Illi minn dak premess fl-appell, it-Tribunal fehem illi r-rikorrent ghandu medda kbira ta' raba li tissaqqa' minn dan is-sors. Fehem ukoll illi r-rikorrent kien qieghed jaghmel il-kalkoli tieghu dwar xi spejjez ikollu jekk minflok isewwi l-apparat li jtella' l-ilma mis-sors in kwistjoni, igib l-ilma necessarju permezz ta' *bowser*. Ir-rikorrenti, fl-appell tieghu, jghid ukoll illi huwa ma nnotifikax is-sors mhux b'negligenza jew bi traskuragni imma ghax kien qieghed jikkontempla l-ghazliet ekonomici l-aktar vijabbli ghalih.

Illi dan it-Tribunal japprezza dan kollu, pero` min-naha l-ohra ma' jistghax jikkontorta d-dicitura tal-Avviz Legali 204 tal-2009. It-Tribunal iqis li l-koncessjoni li nghatat permezz tal-Avviz Legali 204 tal-2009 kienet wahda specjali u fl-opinjoni tat-Tribunal il-fatt li wiehed ma rregistrax is-sors ta' ilma ta' taht l-art ghax l-apparat imqabbad mal-istess sors kien bil-hsara mhix gustifikazzjoni xierqa biex jibbenefika mill-istess koncessjoni. Li kieku kien hekk wiehed ikun qieghed jiftah il-bieb ghall-abbuz, haga li certament l-imsemmi Avviz Legali ried jevita li jsir. Ghalhekk it-Tribunal ma jqisx, kif jishaq ir-rikorrent, illi l-Kumitat li evalwa l-applikazzjoni tieghu u liema evalwazzjoni giet adottata mill-Awtorita` intimata, kien "iebes wisq" fil-konsiderazzjonijiet tieghu.

Illi madankollu fil-korp tal-appell, ir-rikorrent sahaq li l-gheluq tal-*borehole* de quo se jkun ta' pregudizzju kbir

ghalih stante li dan is-sors ta' ilma huwa essenzjali biex ikompli x-xoghol fir-raba tieghu.

Illi dan it-Tribunal jissimpatizza mar-rikorrent u jaghraf il-pregudizzju li jista' jsofri. Madankollu l-istess Tribunal huwa marbut li jsegwi d-dettami tal-ligi, u anke jekk kaz ikun pjetuz kemm ikun pjetuz, ma jistghax jagixxi u jiddeciedi kontra l-istess ligi. Kieku dan it-Tribunal kellu jimxi mod iehor jkun qed jipperikola serjament l-oggettivita` li tiggwidah fid-decizjonijiet tieghu.

Illi fl-ahharnett it-Tribunal josserva illi r-rikorrent ma kellu l-ebda xkiel jew impediment biex jirregistra s-sors in kwistjoni sal-20 ta' Novembru 2008, anke jekk l-apparat tal-istess sors kien bil-hsara. Ladarba huwa ghazel konxjament li ma jirregistrahx *entro* t-terminu indikat ma jistghax issa jitlob lil dan it-Tribunal jaghmel tajjeb ghan-nuqqas tieghu.

Ghaldaqstant it-Tribunal ma jsib xejn x'jiccensura mid-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 28 ta' Settembru 2011.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-Awtorita` intimata dwar l-irritwalita` tal-appell, jichad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta rimanenti tal-istess Awtorita`.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**